MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2015

Numru. 257/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**JOSEF GRECH**
**(ID Nru.: 26781M)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 257/2011**

Illum, 28 ta` Lulju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Josef Grech, detentur tal-karta tal-identita` numru 26781 (M).

**Akkuzat talli:**

F’Dicembru, 2010 u Jannar, 2011, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` hames t’elef, hames mija u sitta u sebghin ewro (€5,576), u/jew oggetti li jikkonsistu f’*mobile phones* u *top-up cards* ghad-detriment tas-socjeta` **GO plc**.
U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe` oggetti li jikkonsistu f’*mobile phones* u *top-up cards*, liema oggetti ghandhom valur ta` hames t’elef, hames mija, sitta u sebghin ewro (€5,576), ghad-detriment tas-socjeta` **GO plc**.

Akkuzat ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-Artikoli 28A *et sequitor* billi ikkommetta reat iehor waqt perjodu operattiv ta` sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata hamsa (5) Mejju, 2010.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 293, 294 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Din l-Qorti taghmel referenza ghat-trattazzjoni eccellenti li saret minn Dr. Patrick Valentino, tirreferi u tikkwotaha *a doc* fl-interita’ taghha. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex dina m’ghandhiex taghmel taghha dawn l-argumenti tad-Difiza, illi l-imputat kien gie delegat mill-Kumitat tas-Socjeta’ Muzikali Lourdes sabiex jiehdu dawn ic-cekkijiet, sabiex johorgu dawn ic-cekkijiet, u ma kienx wahdu. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma tistax issib lil imputat hati u kwindi tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------